**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Doriette Cuschieri]**

**vs**

**Anthony Massa**

**Kumpilazzjoni Numru: 946/15**

**Illum, 26 ta' Gunju, 2017**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Anthony Massa detentur tal-karta tal-identita` numru 447773M.

Akkuzat talli:

> F'dawn il-Gzejjer, f'Dicembru 2012 u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, approprja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, is-somma ta' aktar minn hames mitt Ewro (€500) izda mhux aktar minn hamest elef Euro (€5,000) taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, liema somma giet fdata lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga, jew servizz tieghu, ghad-dannu tal-kumpanija ARRIVA Malta Limited.

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti;

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi; u

Rat l-artikoli indikati; u cioe` l-Artikoli 18, 293, 294, 310(1)(b), 532A, 532B u 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Stante li l-imputat ammetta fi stadju bikri ghall-akkuza kif dedotta kontrih, u kkonferma tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu, u stante li huwa hallas a saldu ta' kull pretensjoni lis-socjeta Arriva Malta Limited, qieghda ssib lill-imputat Anthony Massa hati tal-akkuza kif dedotta kontrih u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkomettix reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum.

Finalment, spjegat fi kliem semplici lill-imputat, ir-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**Dr Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**